MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 39/2010

**Edward Calleja (numru tal-karta tal-identita` 580856(M))**

**vs**

**Marina Restaurants Limited (C 40873)**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fit-22 ta' Novembru 2010 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datat 28 ta' Mejju 2009 mill-Avukat Dr. Henri Mizzi li baghat din l-ittra ghan-nom ta' Edward Calleja fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali.*

*Edawrd Calleja maghruf bhala l-appellanta kien assistita mill-Avukat Dr. Marisa Azzopardi u ghall-Kumpanija Marina Restaurants Limited deher Alex Ellul assistit minn Dr. Joseph Schembri.*

***Dikjarazzjonijiet tal-Kaz***

*Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Marina Restaurants Limited bhala kontrollur finanzjarju u beda xoghol fil-25 ta' Gunju 2007 u gie imkecci fl-14 ta' Frar 2008 u dan wara incident u skambju ta' kliem ma' oht wiehed mid-diretturi u mad-direttur innifsu.*

*Fir-risposta taghha s-socjeta` Marina Restaurants Limited irrispondiet billi ddikjarat illi wara li l-appellant kellu konversazzjoni mad-direttur iddikjara illi qieghed "on leave" u qata t-telefon.*

***PROVI***

*Quddiem it-Tribunal Industriali gew imressqa diversi provi. Xehed Alex Ellul li huwa l-"managing director" fejn stqarr illi wara li pprova jkellem lil Edward Calleja li huwa l-"Financial Consultant" tas-socjeta` appellata l-istess Edward Calleja irrisponda "I am out on leave until further notice u daqshekk" u ddeskriva l-mod kif tefa c-cwievet tas-safe lill-assistenta.*

*Xehdet ukoll Vannessa Attard li hija l-accounts officer mal-kumpanija fejn stqarret li Edward Calleja dahal fl-ufficcju u sabbat ic-cwievet fuq il-mejda u qal li huwa "on leave until further notice." Semghet parti minn konversazzjoni telefonika li Edward Calleja kellu ma terza persuna pero` ma tafx il-kontenut pero` taf li kien irrabjat.*

*Xehed ukoll Alex Ellul in kontro-ezami fejn qal li Edward Calleja ma kienx talbu johrog bil-leave. Gie negat li x-xhud qallu li "you are fired". Xehed ukoll li tterminalu x-xoghol fuq bazi li Edward Callejja abbanduna x-xoghol tieghu. Qal ukoll li ma kienx hemm kuntratt tax-xoghol formali.*

*Xehed Edward Calleja fejn stqarr li beda jahdem fil-25 ta' Gunju 2007 bhala Financial Controller ma' Marina Restaurants Ltd u kien jirraporta liz-zewg diretturi. Irrakonta li kien fl-ufficcju u cemplet certu Pat Debono li tigi oht Alex Ellul wiehed mid-diretturi sabiex titlob il-pagament ta' xi fattura fejn irrisponda illi c-cheque kien qieghed jistenna firma ohra ta' direttur iehor u wara ftit sabtet it-telefone. Ix-xhud spjega li cempel lil Alex Ellul u l-istess Alex Ellul beda jghajjat mieghu u l-istess hin qallu li hiereg bil-leave. Wara ftit irceva telefonata minnghand Alex Ellul fejn infurmah illi "you are fired". Ix-xhud spjega ukoll illi skont email li rcieva minn direttur iehor irrizulta illi l-probation kien ta' sitt xhur.*

*Edward Calleja in kontro-ezami fejn qal li meta Alex Ellul qallu biex jiltaqa' mieghu fil-hamsa din kienet ordni, pero` meta x-xhud qallu li sejjer jiehu l-leave dan ghamel hekk sabiex jikkalma s-sitwazzjoni.*

***KUNSIDERAZZJONIJIET***

*It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li irid jara liema verzjoni hija 'l aktar kredibbli. Meta t-Tribunal qieghed jaghmel l-ghazla qieghed jiehu hafna kunsiderazzjoni ghal fatt illi Edward Calleja fil-mument ta' rabja li kien hemm ma' Alex Ellel ghazel li jinfurmah li ser johrog fuq leave meta l-istess direttur jigifieri Alex Ellul kien tah ordni sabiex jiltaqa' mieghu fil-hamsa ta' wara nofs in-nhar. It-Tribunal qieghed jara stramba kif impjegat specjalment il-Financial Controller jiddikjara li sejjer on leave biex jevita meeting importanti li ghajjata d-direttur sabiex jara x'gara. Li kieku id-direttur kecca lil Edward Calieja mal-ewwel hemm kien jizbalja pero` zbalja Edward Calleja meta harab minn meeting importanti u nfurmah f'mument inopportun li kien hiereg on leave. Il-leave ghandu jigi approvat u mhiex fid-diskrezzjoni tal-impjegat imma tal-principal.*

***Decizzjoni***

*It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-parijiet ikkoncernati ra u ezamina d-*

*dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz u ra n-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet jiddikjara li l-kumpanija Marina Restaurants Limited kien gustifikat li jkecci lil Edward Calleja mix-xoghol.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.*

*Ghall-finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euro (€ 93.00).*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Edward Calleja datat 3 ta' Dicembru 2010 fejn talab lill-Qorti tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, u minflok tichad ir-risposti kollha ssollevati mis-socjeta` appellata u tghaddi biex tilqa' t-talbiet tal-appellant bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellata.

Rat ir-risposta tal-appell u Appell Incidentali ta' Marina Restaurant Limited datata 21 ta' Dicembru 2010 a fol 11 tal-process fejn talbet lill-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti taghha fejn cahdet l-appell tal-appellanti tiddikjara u tordna illi l-istess appellanti ma kienx imkecci mix-xoghol da parte tas-socjeta` appellata izda li kien l-appellanti stess li iddimetta ruhu mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta` appellata u dan ghar-ragunijiet kif spjegati – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

Rat ir-risposta ta' Edward Calleja ghall-appell incidentali ta' Marina Restaurant Limited datata 14 ta' Jannar 2011 a fol 20 tal-process fejn issottometta illi l-appell incidentali ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra l-istess Marina Restaurants Limited.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Joseph Schembri ghall-

appellata u Dr. Marisa Azzopardi ghall-appellanti prezenti. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appellanti ressaq l-aggravji tieghu fis-sens (1) li t-Tribunal Industrijali ma ddecidiex il-punti li gew sottomessi lilu mill-partijiet, izda mar lil hinn mill-istess u ddecieda fuq punt li ma kienx imqajjem mill-partijiet. Dan ghaliex l-appellant sostna li tkecca ingustament, mentri d-difiza tas-socjeta’ appellata kienet li kien l-appellant li rrizenja u abbanduna x-xoghol, u li fi kwalunkwe kaz jekk jigi ritenut li l-appellant tkecca dan sehh fil-*probation period*; minflok it-Tribunal iddecieda li tkeccija saret ghal raguni gusta; (2) fl-apprezzament tieghu t-Tribunal kien zbaljat ghaliex ma setax issib li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet ingusta ghaliex is-socjeta’ appellata laqghet ghall-istess billi qalet li t-tkeccija saret fil-*probation period* u la darba gie stabbilit li dan ma kienx il-kaz, mela allura t-Tribunal kellu jiddikjara li t-tkeccija ma kienitx gusta; (3) fi kwalunkwe kaz ir-raguni li ta t-Tribunal ma kienitx wahda sufficjenti sabiex tasal ghal konkluzjoni li t-tkeccija kienet wahda gusta u dan ghaliex l-motiv tal-licenzjament ma kienx abitwali jew ta’ certa gravita’, tant li l-incident li wassal ghal din il-pendenza kien wiehed izolat, u ma kienx hemm lanqas il-proporzjonalita’ bejn is-sanzjoni estrema tal-licenzjament u l-infrazzjoni addebitata lill-appellant, u dan iktar u iktar meta qabel ma kienx hemm ebda twissija lill-appellant.

Illi fir-risposta taghha s-socjeta’ appellata ssostni li effettivament ma kienx hemm tkeccija izda kien l-appellant li rrezenja mix-xoghol, meta bla raguni valida qabad u telaq mill-impjieg tieghu u informaha illi mhux sejjer jirritorna lura ghax-xoghol tant li qal *“I shall not meet you anywhere and I am out on leave until further notice”.*

B'hekk it-Tribunal kien korrett li ma laqax it-talbiet tal-appellant quddiemu, izda kellu minflok jiddeciedi li kien l-appellant li rrezenja mix-xoghol u mhux li s-socjeta' appellata kienet gustifikata li tkecci lill-appellant mix-xoghol.

Illi fil-fatt a bazi ta' dan s-socjeta' appellata issomettiet appell incidentali fejn sostniet li fil-verita' d-decizjoni tat-Tribunal kienet tali li fil-konsiderazzjonijiet taghha accettat il-verzjoni tas-socjeta' appellata, w allura t-Tribunal Industrijali (Tribunal) kellu jasal ghall-konkluzjoni li l-appellant telaq mix-xoghol u mhux li s-socjeta' appellata keccietu, u dan ghaliex l-appellant qal li kien hiereg *on leave* u rrifjuta li jiltaqa' ma' Alex Ellul, direttur tas-socjeta' u wkoll halla c-cwievet tal-hames *outlets* u *safes* li kien responsabbli ghalihom u telaq il-barra bhal li kieku ma kellux x'jaqsam izjed, u b'hekk abbanduna x-xoghol tieghu u konsistentement ma' dan il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal kienu f'dan is-sens, izda gara li fil-parti dispositiva tas-sentenza minflok inghad li l-appellant irrezenja mix-xoghol tieghu mas-socjeta' appellata, gie deciz li l-appellant tkecca mix-xoghol, u dan imur kontra r-*ratio* tas-sentenza u allura sar appell incidentali fis-sens li s-sentenza tigi riformata fejn tigi kkonfermata fejn cahdet it-talba tal-appellanti, izda tiddikjara li l-appellanti stess kien iddemetta ruhhu mill-impjieg tieghu u mhux tkecca mis-socjeta' appellata.

Illi ir-risposta tal-appellant ghal dan l-appell incidentali hija fis-sens (1) li l-appell incidentali effettivament jafferma t-tezi tal-appellant li d-difiza tas-socjeta' appellata kienet li l-appellant irrezenja mix-xoghol li kellu u b'hekk jigi akkolt l-ewwel aggravju taghha; (2) dan ma huwiex punt ta' dritt skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452** u ghalhekk l-appell incidentali huwa inammissbli u null ghaliex dan l-accertament jikkonsisti f'punt ta' fatt; (3) mill-provi jirrizulta li l-appellant tkecca u mhux irrrezenja.

Illi sabiex jigi deciz dan l-appell din il-Qorti sejra tirreferi ghall dak li qal l-istess Tribunal fid-decizjoni tieghu mertu ta' dan l-appell u dak incidentali u dan fis-sens li:-

*"It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li irid jara liema verzjoni hija 'l aktar kredibbli. Meta t-Tribunal qieghed jaghmel l-ghazla qieghed jiehu hafna kunsiderazzjoni ghal fatt illi Edward Calleja fil-mument ta' rabja li kien hemm ma' Alex Ellul ghazel li jinfurmah li ser johrog fuq leave meta l-istess direttur jigifieri Alex Ellul kien tah ordni sabiex jiltaqa' mieghu fil-hamsa ta' wara nofs in-nhar. It-Tribunal qieghed jara stramba kif impjegat specjalment il-Financial Controller jiddikjara li sejjer on leave biex jevita meeting importanti li ghajjata d-direttur sabiex jara x'gara. Li kieku id-direttur kecca lil Edward Calleja mal-ewwel hemm kien jizbalja pero` zbalja Edward Calleja meta harab minn meeting importanti u nfurmah f'mument inopportun li kien hiereg on leave. Il-leave ghandu jigi approvat u mhiex fid-diskrezzjoni tal-impjegat imma tal-principal".*

Illi hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li minn dan il-bran jirrizulta allura car li l-istess Tribunal kien fil-konsiderazzjonijiet tieghu qed jaccetta l-versjoni tas-socjeta' appellata u dan fis-sens, u din kienet wahda unika, ghall-iskop ta' din il-pendenza, li l-appellant kien irrezenja mill-posizzjoni tieghu mas-socjeta' appellata u allura ma kienx kaz ta' tkeccija u isegwi li la darba sar dan ir-ragunament mit-Tribunal, il-punt l-iehor eccepit mis-socjeta' appellata quddiem il-Bord, li t-tkeccija saret waqt *probation period*, lanqas ma gie kkunsidrat mit-Tribunal, ghaliex ma kienx iktar relevanti, la darba gie deciz li ma kienx hemm rizenja.

Illi stabbilit dan, jirrizulta li mela meta allura l-istess Tribunal fid-*decide* sostna li s-socjeta' appellata kienet gustifikata li tkecci lill appellant, ghalkemm hija nkonsistenti mar-rizultanzi tat-Tribunal stess, marret lil hinn minn dak li kellha tiddeciedi, ghaliex id-difiza tas-socjeta' appellata kienet fuq zewg binarji biss, u principalment li kien hemm rizenja mix-xoghol da parte tal-appellant, u ma kienx hemm tkeccija; subordinament jekk kien hemm tkeccija din saret fil-*probation period,* u allura ma kienx hemm bzonn li tinghata raguni ghaliex sehhet tali tkeccija.

Illi f'dan is-sens l-ewwel aggravju, fil-limitazzjoni ta' dak hawn ikkunsidrat, huwa ben fondat ghaliex allura jirrizulta li t-Tribunal fid-*decide* tieghu dahal fuq punti li lanqas kienu mressqa quddiemu ghaliex id-difiza tas-socjeta' appellata kienet limitata ghal dak minnha sottomess, u qatt ma qam il-punt dwar li t-tkeccija saret ghar-raguni gusta, izda biss li ma kienx hemm tkeccija izda rizenja, u jekk kien hemm tkeccija din saret taht *probation*. Fuq dan biss il-Bord kellu jiddeciedi, u allura ma setghax taht dan l-aspett jiddikjara allura li t-tkecci saret ghar-raguni gusta u dan qed jigi bbazat fuq il-gurisprudenza konstanti li bhala regola l-Qorti, u t-Tribunal f'dan il-kaz, ghandha biss tiddeciedi fuq il-parametri tal-kontestazzjoni quddiema, sottomessi mill-partijiet bil-mod provdut fil-ligi, u mhux tidhol fi kwistjonijiet ohra li hija ma gietx mitluba tiddeciedi dwarhom, kemm il-darba dawn ma humiex ta' ordni pubbliku li allura l-Qorti tista' tqajjem *ex ufficio,* li certament mhux il-kaz odjern (**"Regina mart Francis Cacciatolo vs Francis Cacciatolo"** – A.C. – 30 ta' Gunju 1976; **"Veronique Amato Gauci et vs Maria Zammit et"** A.C. – 19 ta' Mejju 2004; **"Anthony Hammett nomine vs Vincent Genovese"** – K. – 31 ta' Jannar 1991; **"Edwin Grech vs Antida Sagliambene"** – K. – 9 ta' April 1992).

Illi fuq kollox dan huwa kkonfermat ukoll mir-risposta u l-appell incidentali mis-socjeta' appellata, tant li din tghid li d-difiza taghha kienet li l-appellant kien irrizenja, u fil-fatt it-Tribunal qabel ma\` din it-tezi, li kienet l-unika wahda li hija ssottomettiet (apparti l-punt ta' *probation* li lanqas gie trattat fid-decizjoni) u ghalhekk qed jinghad li t-Tribunal bi zball la darba laqa' t-tezi tas-socjeta' appellata kellu jiddeciedi li l-appellant irrezenja u mhux gie mkecci mis-socjeta' appellata, u f'dan is-sens sar allura l-appell incidentali sabiex tigi riformata id-decizjoni tat-Tribunal.

Illi dwar it-tieni punt jinghad li jrid jigi deciz allura jekk kienx hemm rizenja da parte tal-appellant jew jekk huwa tkecciex mis-socjeta' appellata, u dan qed jinghad ukoll ghaliex din il-Qorti thoss li fil-konsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal, jirrizulta li kien qed jemmen il-versjoni tas-socjeta' appellata fis-sens li kien l-appellant li rrezenja u mhux tkecca mis-socjeta' appellata, u dan fl-opinjoni ta'

din il-Qorti johrog car mill-parti tal-istess decizjoni hawn citata fil-konsiderazzjonijiet ta' din is-sentenza, u fuq dan il-punt din il-Qorti qed taqbel mal-interpretazzjoni li s-socjeta' appellata tat tal-istess decizjoni tat-Tribunal.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant kien impjegat bhala *Financial Controller* mas-socjeta' appellata u kellu argument ma` Pat Debono oht Alex Ellul, direttur tas-socjeta' appellata, li waqt li kienet qed tinforma lil huha b'dan, cempillu wkoll l-appellant, u Alex Ellul qallu sabiex anke jikkalmah biex jiltaqghu fil-ghaxija sabiex jiddiskutu l-problema, izda l-appellant ma riedx u rrifjuta u qallu minflok *"I am out on leave until further notice"* u qata' t-telefon. F'dawn ic-cirkostanzi, Alex Ellul, cempel rega' huwa stess lill-appellant u qallu sabiex jaghti *handover* u jaghddilu c-cwievet tal-*outlets u s-safes*, u l-appellant qallu sabiex imur ghalihom huwa; wara l-appellant mar l-ufficju ta' Vanessa Attard u sabbat ic-cwievet tas-*safes* fuq il-mejda u qallha l-istess kliem *"I am out on leave until further notice"* u litteralmennt abbanduna x-xoghol u telaq il-barra. B'ittra datata 15 ta' Frar 2008 id-difensur tas-socjeta' appellata informa lill-appellanti li kien accetta r-rizenja tieghu (Dok. "EC 1 – fol. 60), u dan jinsab konfermat b'ittri datati 20 ta' Frar 2008 (Dok. "EC 3" – fol. 63) u dik datata 7 ta' Marzu 2008 (Dok. "EC 2" – fol. 61).

Illi huwa veru li minn naha tieghu l-appellant ikkontesta li huwa rrezenja mix-xoghol kif jidher indikat fl-ittra tal-konsulent legali tieghu datata 19 ta' Frar 2008 (Dok. "EC 3" – fol. 62) u dik datata 4 ta' Marzu 2008 (Dok. "EC 5" – fol. 64) u jghid li huwa kull ma qal lill Alex Ellul kien biss li hiereg *on leave* (fol. 73) u dan meta dan ta' l-ahhar issugerilu li jiltaqaghu fil-5.00.p.m; izda din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju, li anke jekk tiehu din it-tezi hawn ikkunsidrata jirrizulta li effettivament li l-appellant irrifjuta li jiltaqa' mad-direttur tieghu, u dan f'mument partikolari, meta allura kien jidher car li minkejja dak li kien ghadu kemm sehh, Alex Ellul zgur li ried jirranga d-disgwid li kien inqala' li fih kien involut l-appellant, u wkoll li wassal sabiex l-istess appellant jirreagixxi bil-mod li mexa bih, u cjoe' li skond huwa johrog *on leave*, u jirrifjuta li jiltaqa' mad-direttur dak in-nhar stess, u wkoll halla c-cwievet tas-

safe ma’ Vannesa Attard, proprju ghaliex ix-xoghol tieghu ma setax jieqaf, u allura kellu jaghmlu haddiehor.

Illi l-appellant isostni li huwa rcieva telefonata ohra minghand Alex Ellul sabiex jghidlu li kien keccieh u sabiex ihalli c-cwievet ma’ Vannessa Attard u jghid li huwa hekk ghamel u pogga c-cwievet fuq id-desk tieghu u qal lil Vannessa *“I’m going out on leave”.*

Illi izda hawn il-Qorti thoss li ma tistax taccetta l-versjoni tal-appellant u dan peress li l-versjoni tieghu hija ghal kollox inverosimili, u dan ghaliex la darba huwa qal li kien ghadu kemm tkecca minn Alex Ellul, kif jista’ jispjega li huwa mar jghid lil Vanessa Attard li hiereg *on leave*, qisu l-kliem li qallu Alex Ellul, (li keccieh u li tant enfasizza l-appellant) lanqas biss sehhu; mhux hekk biss, izda mix-xhieda ta’ Vanessa Attard jirrizulta li l-appellant sabbat ic-cwievet u qallha wkoll *“I am out on leave until further notice”* u effettivament jidher li qal l-istess kliem lilha u lil Alex Ellul, b’hekk li t-tezi ta’ Alex Ellul, tinsab ukoll korroborata minn din ta’ l-imsemmija Vanessa Attard.

Illi fid-dawl ta’ dan kollu din il-Qorti thoss li mill-kumpless tal-provi dak li rrizulta li gara kien effettivament l-appellant abbanduna x-xoghol tieghu, u rrezenja mill-posizzjoni tieghu, u jinghad ukoll li bl-agir tieghu huwa wera dan b’mod manifest u inekwivoku, li huwa ma kienx dispost li jkompli jaghmel ix-xoghol tieghu, u mhux hekk biss, izda lanqas biss ried jiddiskuti l-posizzjoni tieghu, nkluz meta gie invitat jikkonsidra d-decizjoni tieghu dak in-nhar stess li sehh l-incident, u dan billi gie mistieden jiltaqa’ mad-direttur tas-socjeta’ appellata, li anke jekk kien irrabjat, kif jghid l-appellant li kien, xorta wahda offra li jiltaqa’ mal-appellant sabiex dan jilhaq jikkalma u jikkonsidra mill-gdid il-posizzjoni tieghu, izda l-appellant irrifjuta, u mhux hekk biss izda agixxa billi telaq minn idejh ir-responsabbiltajiet li kellu b’mod definit u permanenti. Fid-dawl ta’ dan kollu ma hemm l-ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti li f’dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li l-appellant irrezenja mix-xoghol u allura d-difiza tas-socjeta’ appellata hija korretta u ghalhekk l-aggravju kollha l-ohra tal-appellanti qed jigu michuda.

Illi dan ukoll qed jinghad fil-kuntest tal-fatt li meta tigi kkunsidrata d-decizjoni tat-Tribunal, jirrizulta li effettivament hija kienet qed taccetta l-versjoni tas-socjeta' appellata, tant li hekk qalet fl-istess konsiderazzjonijiet taghha, u dan kien allura fil-parametri tal-kontestazzjoni tal-partijiet quddiem it-Tribunal, u kien ghalhekk li Tribunal sab favur l-istess socjeta' appellata u dan wara li rretjena li kien qed jikkonsidra liema mill-versjonijiet tal-partijiet *"hija l-aktar kredibbli"* – u s-socjeta' appellata tat versjoni wahda li giet ikkunsidrata mit-Tribunal – cjoe' dik li ma kienx hemm tkeccija, izda rizenja mill-appellant. Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet l-appell tal-appellanti qed jigi michud.

Illi dwar l-appell incidentali jinghad li abbazi ta' dak hawn deciz, dan ghandu jigi milqugh ghaliex minn qari tal-istess decizjoni tat-Tribunal Industrijali, jidher car li t-Tribunal kien qed jaccetta t-tezi tas-socjeta' appellata, u jidher li b'nuqqas ta' attenzjoni u bi svista sar zball fid-*decide*, fis-sens li minflok it-Tribunal iddecieda li l-appellant kien irrezenja, sostna li s-socjeta' appellata kienet gustifikata li tkecci lill-appellant, meta l-istess Tribunal kien wasal ghall- konkluzjoni li jaccetta l-versjoni tas-socjeta' appellata, li kienet ippremjeta fuq l-allegazzjoni ta' rizenja u abbandun tax-xoghol da parte tal-appellant u allura f'dan is-sens l-appell incidentali qed jigi milqugh.

Illi ghall-kompletezza jinghad li hawn il-Qorti mhux qed taccetta l-argument tal-appellant fir-risposta tieghu ghall-appell incidenti li l-punt imqajjem mis-socjeta' appellata fl-appell incidentali taghha ma jammontax ghal punt ta' dritt, u dan ghaliex dan huwa fil-fatt l-istess punt medesimu li l-appellant stess qajjem fir-rikors tal-appell tieghu, u dan fis-sens li dak li s-socjeta' appellata qed tghid huwa simili ghal dak li kien parti mill-ewwel aggravju tal-appellant, u cjoe' li t-Tribunal kellu jiddeciedi t-talba tal-appellant u rikorrenti quddiemu fid-dawl tal-eccezzjoni tas-socjeta' appellata li l-appellant fil-fatt irrezenja mill-posizzjoni tieghu, u allura konsistentement ma' dak hawn deciz, din il-Qorti qed tiddeciedi fuq dan il-punt, bl-istess mod li ddecidiet l-ewwel aggravju tal-appellant, izda ma hijiex

qed taqbel mal- appellant dwar il-mertu, u dak li l-istess Tribunal effettivament iddecieda biss fid-*decide* tieghu. Mela allura l-appell incidentali jammonta ghall-punt ta’ dritt skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 82 (3) tal-Kap. 452,** bl-istess mod li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa wkoll punt ta’ dritt.

Illi mhux hekk biss, izda la darba l-appell incidentali qed jghid li d-decizjoni tat-Tribunal ghamlet konsiderazzjonijet li jwasslu ghall-konkluzjoni li kienet qed tigi accettata l-versjoni tas-socjeta’ appellata, u li invece dan ma kienx sewgit fid-*decide* tal-istess decizjoni tat-Tribunal, dan ma huwiex punt ta’ fatt, izda wkoll punt ta’ dritt fih innifsu u ghalhekk dak sottomess mill-appellanti f’dan ir-rigward qed jigi accettat.

Illi jinghad ukoll li l-appellant tratta wkoll il-mertu fis-sens li ghalkemm qed jghid li t-Tribunal qatt ma kellu jidhol fil-punt jekk it-tkeccija kienitx gustifikata, u dan peress li d-difiza tas-socjeta’ appellata kienet fis-sens li ma kienx hemm tkeccija, izda rizenja, izda mbaghad l-appellant stess dahal fuq l-istess punt, u dan fih innifsu huwa ghal kollox inkonsistenti mal-posizzjoni tal-istess appellanti f’dan l-appell. Fil-fatt din il-Qorti ddecidiet biss fuq il-posizzjoni li hadu l-partijiet quddiem it-Tribunal u ma marritx lil hinn  minn dan.

## III.   KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-appell tal-appellant Edward Calleja fir-rikors tieghu datat 3 ta’ Dicembru 2010** biss fis-sens hawn deciz, izda **tilqa’ l-appell incidentali tas-socjeta’ appellanti Marina Restaurants Limited datat 21 ta’ Dicembru 2010** fis-sens hawn deciz, **b’dan ghalhekk li tirriforma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet “Edward Calleja vs Marina Restaurants Limited” (Kaz. Nru. 2587/MF) datata 22 ta’ Novembru 2010, fis-sens li fil-waqt li tikkonferma l-parti taghha fejn cahdet l-appell tal-appellanti Edward Calleja quddiem l-istess Tribunal, tiddikjara li l-istess**

**appellanti Edward Calleja kien iddimetta ruhu mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta' appellata.**

Stante n-natura tal-kaz, l-ispejjez tal-appell u dawk tal-appell incidentali jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------